

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

*Kumitat għas-Sajd*

**2008/2009(INI)**

3.4.2008

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għas-Sajd

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea  
(2008/2009(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Pedro Guerreiro

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Sajd jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora dawn is-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal risoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li "biex ikun kkunsidrat aħjar il-benesseri tal-komunitajiet kostali" u biex jitjieb il-"benesseri tal-ħaddiema" ta' l-industrija tas-sajd, wieħed ma jistax jinjora s-sitwazzjoni ta' tħassib tas-settur, speċjalment minħabba n-nuqqas ta' adożzjoni ta' miżuri xierqa biex jippromwovu l-qligħ ta' l-attività u b'hekk jiggarantixxu livell ta' għejxien diċenti għas-sajjieda professjonali;
2. Iqis li Politika Marittima Integrata Ewropea ma għandhiex tinjora l-fatt li l-provvista ta' l-enerġija u ta' l-ikel jikkostitwixxu bżonnijiet u għanijiet strateġiċi li għandhom ikunu ssodisfati mingħajr ma jinqabeż il-livell ta' sigurtà rigward id-dipendenza esterna u li s-sajd u l-agrikoltura sostenibbli, sorsi essenzjali ta' l-ikel tagħna, għandhom ikunu mħarsa fl-interess ġenerali ta' l-Unjoni;
3. Iqis li l-oġettiv essenzjali tal-"Politika Marittima Integrata Ewropea" (IEMP) fil-qasam tas-sajd għandu jinkoraġġixxi l-immodernizzar u l-iżvilupp sostenibbli, ibbilanċjat u ekwitabbli tal-qasam fl-Unjoni Ewropea kollha, filwaqt li jiżgura il-vijabilità soċjo-ekonomika tiegħu u s-sostenibilità tar-riżorsi u jiggarantixxi s-sovranità u s-sigurtà ta' l-ikel, il-provvista tal-ħut, il-preservazzjoni ta' l-impjieġ u t-titjib tal-kundizzjonijiet ta' l-għejxien tas-sajjieda;
4. Iqis li, sa issa, la n-natura sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar u lanqas il-vijabilità ekonomika tal-flotot tas-sajd u tal-komunitajiet tal-kosta ta' l-Ewropa ma ġew moqdija kif xieraq mill-politika komuni għas-sajd (CFP,) u li għalhekk jaqbel li tiġi żviluppata politika Ewropea integrata ta' l-UE dwar il-baħar b'mod li jiġi evitat li fil-politika komuni għas-sajd jitfaċċaw nuqqasijiet bħaċ-ċentralizzazzjoni żejda u l-inkapaċità li titqies id-diversità reġjonali ta' l-ibħra ta' l-Unjoni Ewropea;
5. Jitlob li jiġi adottat approċċ komuni mill-Istati Membri lejn it-tneħħija ta' materjal splussiv li jittella' fil-wiċċ mill-bastimenti tas-sajd u jintefa' lura fil-baħar wara li jiġi mmarkat;
6. Huwa ta' l-opinjoni li żieda fl-att u fil-kwalità ta' l-impjieġi "marbuta mal-baħar, speċjalment ma' l-industrija tas-sajd" tiddependi wkoll fuq garanzija ta' dħul ġust u xieraq u fuq kundizzjonijiet ta' xogħol diċenti (speċjalment mill-perspettiva tas-saħħa u s-sigurtà) u fuq aċċess għat-taħriġ għas-sajjieda professjonali;
7. Jitlob li jsir studju dwar il-mekkaniżmi attwali li bihom jiġu stabbiliti l-prezzijiet ta' l-ewwel bejgħ u l-mod li bih dawn jistgħu jagħtu kontribut biex jiggarantixxu ħlas bilanċjat lill-persuni li jaħdmu f'dan il-qasam, mingħajr ma jiżdied il-prezz għall-konsumatur;
8. Jitlob li jkun hemm rikonoxximent reċiproku mill-Istati Membri tad-diplomi ta' livell intermedju ta' kaptani/mekkaniks għall-bastimenti tas-sajd;

9. Ifakkar fil-bżonn ta' mekkaniżmi għal għotjiet ta' għajjnuna jew ta' kumpens għas-sajjieda milquta mill-konsegwenzi soċjo-ekonomiċi tal-miżuri adottati għar-rikostruzzjoni ta' stokks tal-ħut jew għall-ħarsien ta' ekosistemi, b'mod partikolari fir-reġjuni u fil-komunitajiet l-iktar żvantaġġati u fir-reġjuni ultraperiferiċi;
10. Jitlob lill-Kummissjoni, fl-isfond il-ħtieġa li jiġu definiti l-mezzi finanzjarji xierqa biex tkun imwettqa l-Politika Marittima Integrata Ewropea, biex tiddefinixxi x' "tiffhem b'bażi finanzjarja soda"; filwaqt li tibbaża fuq il-prinċipju skond liema, il-prijoritajiet il-ġodda jesigū mezzi finanzjarji ġodda, tirrifjuta l-finanzjament ta' din il-politika mill-Politika Komuni tas-Sajd;
11. Jikkonferma l-ħtieġa li tissaħħaħ l-għajjnuna għar-riċerka xjentifika dwar is-sajd fl-Istati Membri differenti, b'mod partikolari fi ħdan is-Seba' Programm ta' Qafas għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-wiri;
12. 5 b. Jitlob li tingħata għajjnuna Komunitarja għall-adozzjoni ta' miżuri effettivi neċessarji biex jiżguraw mezzi adegwati favur miżuri ta' evakwazzjoni, ta' appoġġ u ta' salvataġġ għall-ekwipaġġi;
13. Jitlob li jingħata appoġġ għall-installazzjoni u l-immodernizzar mill-Istati Membri stess tal-mezzi taġħhom ta' sorveljanza, monitoraġġ u kontroll taż-żoni ekonomiċi esklussivi;
14. Jenfasizza li l-Politika Marittima Integrata Ewropea tiddependi fuq qafas ta' koperazzjoni bejn l-Istati Membri u li l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' politiki marittimi nazzjonali, fil-livelli differenti taġħhom, huma kompetenzi ta' l-Istati Membri, kif tirrimarka l-istess Kummissjoni.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data ta' l-adozzjoni</b>	3.4.2008
<b>Riżultat tal-vot finali</b>	+: 25 -: 1 0: 0
<b>Membri preżenti għall-vot finali</b>	Elspeth Attwooll, Marie-Hélène Aubert, Luis Manuel Capoulas Santos, Paulo Casaca, Zdzisław Kazimierz Chmielewski, Emanuel Jardim Fernandes, Carmen Fraga Estévez, Duarte Freitas, Ioannis Gklavakis, Alfred Gomolka, Pedro Guerreiro, Heinz Kindermann, Rosa Miguélez Ramos, Philippe Morillon, Seán Ó Neachtain, Willi Pieczyk, Catherine Stihler, Margie Sudre, Daniel Varela Suanzes-Carpegna, Cornelis Visser
<b>Sostitut(i) preżenti għall-vot finali</b>	Ole Christensen, Josu Ortuondo Larrea, Raül Romeva i Rueda, Thomas Wise
<b>Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178 (2)) preżenti għall-vot finali</b>	Ilda Figueiredo, Willem Schuth